Nru. 713

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦAL KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' Żvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetajiet li ġejjin, jiġifieri:

IŻ-ŻEJTUN

Nri. 99 u 100, Triq San Girgor,

Nru. 1, Misraħ Diċembru Tlettax, k/m Triq San Girgor

(ara l-pjanta mehmuża) jistgħu jkunu ta' valur storiku u arkitettoniku hekk li għandhom ikunu inklużi fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetajiet imsemmija jinsabu fil-periklu li jiġu demoliti, danneġġati jew distrutti.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-proprjetajiet imsemmija hawn fuq, skond l-artikolu 47 ta' l-Att ta' l-Ippjanar ta' Żvilupp.

(i) Il-bini bin-numri 99 u 100, Triq San Girgor, iż-Żejtun, għandu jitqies bħala proprjetà *Grade 2* skond il-*Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura.

(ii) Il-bini Nru. 1, Misraħ Diċembru Tlettax k/m Triq San Girgor, iż-Żejtun, għandu jitqies bħala proprjetà *Grade 2* skond il-*Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura.

(iii) Kull żvilupp, tibdil jew intervent fuq il-proprjetà ta' hawn fuq, li jista' jkun permess, għandu jkun approvat minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà tiġi demolita jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' dan l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

It-8 ta' Novembru, 1994

No. 713

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act 1992

THE Planning Authority believes that the following properties, namely:

ŻEJTUN

Nos. 99 and 100, Triq San Girgor,

No. 1, Misraħ Diċembru Tlettax, c/w Triq San Girgor

(see attached site plan) could be of historical and architectural value such that they should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act, 1992.

The Authority also believes that the properties are in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) Premises Nos. 99 and 100 in Triq San Girgor, Żejtun are to be considered Grade 2 properties as per Structure Plan Policy UCO 7.


(ii) Premises No. 1, Misraħ Diċembru Tlettax, c/w Triq San Girgor, Żejtun is to be considered Grade 2 properties as per Structure Plan Policy UCO 7.

(iii) All developments, alterations or interventions on the above properties, which might be permissible, must be approved in advance by the Planning Authority.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this Order.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

8th November, 1994


TRIQ SAN GIRGOR
MISRAH DIECEMBRU TLIETAX
KNISJA
TRIQ SAN GILIPU
N
Nos. 99, 100
Triq San Girgor;
No. 1
Misrah Diecembru 13
Zejtun
Survey Sheet: 5868
Scale 1: 2000